**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 05/17**

| | |
|---|---|
| **Data:** | 24 ta' April 2017 |
| **Ħin:** | 6:40pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, iż-Żejtun |

**Preżenti**
Joe Attard - Sindku
Maria Dolores Abela - Viċi-Sindku (sad-8:45pm)
Amanda Abela - Kunsilliera
Claude Camilleri - Kunsillier
Joan Agius - Kunsilliera (mis-7:05pm)
Joseph Hales - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali

**Skużata**
Laura Caruana - L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

---

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| **05.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **05.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| **05.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza** |
| **05.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| **05.05** | **Triq Marsaxlokk** |
| **05.06** | **Sqaqin Urbani - Sqaq San Feliċ \| Sqaq San Isidoru \| Sqaq San Alfonsu \| Sqaq San Mikiel \| Sqaq San Lawrenz \| Sqaq San Adeodatu** |
| **05.07** | **Toroq - Triq il-Gwiedi \| Triq Sant'Anġlu (Minn Misraħ Karlu Diacono sa Triq Santa Katarina) \| Triq San Franġisk \| Triq il-Kunċizzjoni** |
| **05.08** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti** |
| **05.09** | **Affarijiet oħra** |
| **05.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**05. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 1. 1 | | | Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija x'tinqara. | |

**05. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 2. 1 | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 04/17 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 05. 2. 2 | 04.02.15 | Chircop | L-isem ta' ħu Trevor Zahra għandu jaqra Rene Zahra. | |
| 05. 2. 3 | 04.08.07 | Chircop | Id-data għandha taqra d-29 ta' April. | |
| 05. 2. 4 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**05. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 02 | 05 | 04.02.03 | Chircop: Il-Festa ta' San Girgor | Chircop informa l-Kunsill li l-festa saret u kellha ħafna tifħir. Kien hemm tfal bil-kostumi u logħob tradizzjonali fost oħrajn. Qal ukoll li l-kejl tal-pavaljuni sar u dawn ser isiru. Irringrazzja wkoll lil Agius tal-ħidma tagħha. | Agius |
| 05 | 02 | 06 | 04.02.08 | Caruana: *Roadmarkings* | Caruana qal li qed isiru *roadmarkings* u jonqsu l-parkeġġi. Semma fost oħrajn Triq Hector Dalli. Is-Sindku qal li din għandha tiġi ċċekjata bi spezzjoni fuq il-post. | Hales |
| 05 | 02 | 07 | 04.08.04 | Chircop: Premju Frans Sammut | Chircop informa l-Kunsill li n-nomina ġiet mibgħuta u ser ikunu qed jiġu sottomessi l-kitbiet tal-letteratura fost oħrajn. | Chircop |
| 05 | 02 | 08 | 04.08.06 | Chircop: Tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra | Chircop informa l-Kunsill li l-attivita` ta' din is-sena ser issir b'format differenti. Ser ikunu mistiedna diversi gruppi sabiex isir re-enactment kif ukoll wirja ta' vetturi militari. Talab sabiex ma jsirx parkeġġ fejn is-Salib fi Pjazza Gregorio Bonici. | Hales |
| 05 | 02 | 09 | 04.08.08 | Fenech: Attivita` l-*Kindergarten* | Fenech informat lill-Kunsill li din saret u nbeda l-*murial* bit-tappijiet fil-bitħa tal-iskola. Dan għandu jitkompla fil-jiem li ġejjien. | Fenech |

**05 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/17. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 03 | 01 | 01 | Dipartiment għall-Gvern Lokali: Ċirkulari 08/2017 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li b'din iċ-ċirkolari ser jiġi affetwat id-dħul tal-Kunsill kif ukoll se jitnaqqas il-kontroll li kellna fuq kemm u kif joħorġu l-permessi. Agius qalet li ser issir diskussjoni mal-ministru dwar dan. | Agius |
| 05 | 03 | 02 | 28 | Awtorita` tal-Ippjanar: PA/02259/17 | Is-Sindku ikkumenta li għandha terġa titqajjem il-kwistjoni tal-parkeġġ f'din iż-żona u ssir pressjoni sabiex l-*area* ta' quddiem din id-dar li ser tinbena tiġi rranġata. | Sindku |
| 05 | 03 | 03 | 57 | Brian Cardona: Bank għal ħwejjeġ użati | Is-Sindku qal li għandna nkellmu lil Brian Cardona li lesti naċċettaw li ssir fuq ġurnata waħda u tinġabar filgħaxija sal-5:00pm. Il-post issuġerit huwa s-suq. | Stephanie |
| 05 | 03 | 04 | 61 | Rachelle Deguara: Permess għal ġbid ta' filmati | Is-Sindku ikkumenta li għandna nitkellmu magħha sabiex jiġi identifikat x'ser jinġibdu bħala filmati. | Chircop |
| 05 | 03 | 05 | 63 | *Commisioner for Youth:* Youth Local Council | Il-Kunsill qabel li dan għandu jerġa jsir. Irid jinstab *youth worker* sabiex joqgħod mażżgħażagħ. | Stephanie |
| 05 | 03 | 06 | 64 | Ray Abela TCTC: Kors *Robotica Nation* | Is-Sindku qal li hemm sistema ġdida ta' robots u coding li dan ser jiġi mgħallem fil-korsijiet li ser jiġu organizzati bejn Lulju u Settembru. Il-Kunsill irid jagħmel ħlas ta' €1,150. Il-Kunsill jaqbel li għandu jsir dan il-ħlas, pero għandu jitniżżel b'mod ċar fuq il-promozzjoni li dan qed isir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. | Camilleri |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 3 | 07 | 71 | Michelle Abela: *Claim* għal ħsara tal-vettura | Il-Kunsill qabel li dan il-pagament għandu jinħareġ. | Segreatrju Eżekuttiv |
| 05 | 3 | 08 | 74 | Stephanie Fenech: Trejqet il-Kebbies tal-Fanali | Fenech qalet li qed ikun hemm problemi għaliex il-vetturi xorta qed jgħaddu min din it-trejqa. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandha ssir *bollard* . | Hales |

**05. 4.** **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

**05. 5.** **Triq Marsaxlokk**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 05 | 01 | | Sindku | Is-Sindku informa l-Kunsill li x-xogħol fuq din it-triq wasal sabiex jibda, pero l-kuntrattur għadu qed jistenna l-materjal sabiex jinbiddlu s-servizzi tad-djar. | Segretarju Eżekuttiv |

**05. 6.** **Sqaqin Urbani - Sqaq San Feliċ | Sqaq San Isidoru | Sqaq San Alfonsu | Sqaq San Mikiel | Sqaq San Lawrenz | Sqaq San Adeodatu**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 6 | 01 | | Sindku | Is-Sindku informa l-Kunsill li għal dawn għandhom isiru l-estimi u għandhom jitħallsu mill-Kunsill għax ir-residenti ilhom ħafna jistennew li jsir dan ix-xogħol. | Segretarju Eżekuttiv |

**05. 7.** **Toroq - Triq il-Gwiedi | Triq Sant'Anġlu (Minn Misraħ Karlu Diacono sa Triq Santa Katarina) | Triq San Franġisk | Triq il-Kunċizzjoni**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 7 | 01 | | Sindku | Il-GAL Xlokk ser iniegħdi proġett li ser jinkludi pjazzez li għandhom *areas* bil-ħdura. Il-Kunsill qed jittama li dawn il-flus jiġu min dan il-proġett u jekk dan iseħħ dawn għandhom isiru bil-*patterned concrete* . Hemm ukoll fond ta' €50,000 tal-*Urban Improvement Fund* li ser jintużaw sabiex issir Triq Sant'Anġlu u Triq Ħabel ix-Xgħir. | Segretarju Eżekuttiv |

**05. 8.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 8 | 01 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/17 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |

**05 9** **Affarijiet oħra**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 9 | 01 | | Sindku: Rotta tal-Ġimgħa l-Kbira | Is-Sindku qal li r-rotta l-ġdida tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira intlqgħet tajjeb ħafna u bħala Kunsill għandna nagħtu sapport tagħna fejn ikun hemm bżonn. | Hales |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 9 | 02 | Segretarju Eżekuttiv: Kawża mal-Ministeru tax-Xogħolijiet | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li saret laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi u s-Segretarju Permanenti tiegħu. Ġie propost li jsir pagament ta' €30,000 kull sena jekk l-interessi jieqfu. Qal ukoll li kieteb ittra sabiex jekk jaqbel il-Kunsill għadnu jsir qbil dwar dan bil-miktub. Il-Kunsill qabel dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05 | 9 | 03 | Segretarju Eżekuttiv: Kameras fejn il-*Bring-In-Sites* | Is-Segretarju Eżekuttiv avża li l-kameras bdew jaħdmu u għandna l-filmati li dawn ġew mgħoddija lill-Ispettur u s-Supretendent għal azzjoni. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05 | 9 | 04 | Fenech: Kultura tal-Isports u l-komunita` | Fenech informat lill-Kunsill li ltaqgħat ma' tlett studenti universitarji li qed jagħmlu riċerka dwar il-kultura tal-Isports u l-komunita`. Tagħthom informazzjoni dwar x'jiġi organiżżat mill-Kunsill u dwar l-organizzazjonijiet sportivi u għandna nirċievu stedina biex imorru naraw dan il-proġett kif ser jiġi sottomess. | Fenech |
| 05 | 9 | 05 | Fenech: *Move Organistation* | Fenech informat lill-Kunsill li dawn stiednuna sabiex nibagħtu żewġ żagħżagħ għal kors li ser isir. Ġew innominati Gabriella Galea u Jessica Fenech. Dan ser isir mit-28 sat-30 ta' April. | Fenech |
| 05 | 9 | 06 | Fenech: Żejtun Corinthians | Fenech qalet li ż-Żejtun Corinthians iċċelebraw l-promozzjoni u ċ-*Championship* . Issuġerit li għandu jiġi mistieden il-kumitat u tiġi preżentata l-memento dakinhar. | Fenech |
| 05 | 9 | 07 | Hales: *Filing* | Hales informa l-Kunsill li l-proġett tal-*filing* irid jitkompla sabiex jitneħħew u jiġu arkivjati *files* antiki. Huwa ressaq proposta li l-persuna ideali li tkompli dan ix-xogħol hija l-ex impjegata s-Sa Joanne Muscat. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05 | 9 | 08 | Chircop: Grupp Letterarju | Chircop informa l-Kunsill li l-Grupp Letterarju ser jieħu xejra differenti minn Mejju. Ser tingħaqad il-letteratura mal-mużika. Dan ser jisemma Spjazarti. | Chircop |
| 05 | 9 | 09 | Chircop: *Treasure Hunt* | Chircop qal li t-*Treasure Hunt* ser isir fl-10 ta' Awwissu u kellmuh tal-V18 sabiex isir fuq skala Nazzjonali. S'issa diġa ngabbru €1,600 fi sponsors għal din l-attivita`. | Chircop |
| 05 | 9 | 10 | Chircop: Tabella perikoluża fid-daħla tal-Iskola | Chircop qal li ġie avviċinat li hemm tabella li tindika fejn hi l-Librerija Pubblika fl-iskola Primarja li qedha fil-baxx wisq u hija ta' periklu. Sindku qal li din għandha tiġi rranġata. | Hales |
| 05 | 9 | 11 | Chircop: Triq il-Kbira | Chircop informa l-Kunsill li rċieva ilmenti li d-dawl abjad tal-fanali fl-istess triq ma jikkumplimentax mal-ambjent tat-triq. Is-Sindku qal li dawn huma fanali antiki u ma jistax jinbidel. | Caruana |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 9 | 12 | Caruana: *Bins* tal-pjazza | Ġew murija l-*bins* li ser isiru wara li ttieħdu kwotazzjonijiet. Il-Kunsill qabel li għandhom jitwaħħlu tmin (8) bins għal pjazza li jkollom kompartament fejn jintremew is-sigaretti. Ser jiġi ċċekjat mas-*Supplier* dwar dan. | Hales |
| 05 | 9 | 13 | Caruana: Triq it-Tamburin | Caruana rrimarka li din it-triq m'għandiex bażi soda u l-parkeġġ sar perikoluż. Qal ukoll li qed jintrema ħafna skart. Is-Sindku qal ukoll li għandha ssir tabella li tindika li wieħed qed jipparkja riskju tiegħu/tagħha. | Hales |
| 05 | 9 | 14 | Camilleri: Bankina fi Triq Xrobb l-Għaġin | Camilleri staqsa tistax titkompla l-biċċa bankina nieqsa. Is-Sindku qal li għandha ssir spezzjoni u jsir li hemm bżonn. | Sindku |
| 05 | 9 | 15 | Agius: Maria Daniela | Agius qalet sabiex tintbagħat ittra sabiex nifirħu lil Maria Daniela għas-suċċess li għamlet. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05 | 9 | 16 | Agius: Fuljett tas-Sajf | Agius qalet sabiex il-kunsilliera jgħaddu l-informazzjoni għal Fuljett malajr kemm jista' jkun biex jinħareġ fil-ħin. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05 | 9 | 17 | Agius: Festa Sajf | Agius informat lill-Kunsill li Festa Sajf ser issir fl-4 ta' Awwissu. | Agius |
| 05 | 9 | 18 | Agius: Għaqal id-Dar | Agius informat lill-Kunsill li dawn il-laqgħat bdew u hemm 31 parteċipant. | Agius |
| 05 | 9 | 19 | Agius: Berġa | Agius qalet li tkellmet ma' Joe Scerri mill-*Primary Health Care*, sabiex jikteb lill-Kunsill u jgħidilna x'hemm bżonn biex imexxu. | Agius |
| 05 | 9 | 20 | Agius: Infjorata | Agius qalet li l-V18 talbu li jittellgħu t-tfal tal-Kids Club, sabiex jaraw l-infjorata li ser issir fil-Belt Valletta. | Agius |
| 05 | 9 | 21 | Agius: *Altofest* | Agius informat lill-Kunsill li residenti miż-Żejtun ser jilqgħu artisti internazzjonali li ġejjien f'Mejju. | Agius |
| 05 | 9 | 22 | Agius: Żejt iż-Żejtun | Agius qalet li konna applikajna għal E.F.F.E (*European Festival Association*). Żejt iż-Żejtun ġie rikonoxxut internazzjonalment u | Agius |
| 05 | 9 | 23 | Sindku: Delegazzjoni Ċiniża | Is-Sindku informa l-Kunsill li nhar il-Ġimgħa, 28 ta' April ser iżuruna l-Ambaxxatur taċ-Ċina, l-Eċċelenza Tiegħu Jiang Jiang, flimkien mal-Ewwel Segreatrju s-Sur Dong Minchuan. Dawn ser jiddawru mal-binja tal-Kunsill, mat-toroq ewlenin taċ-ċentru taż-Żejtun, il-Mużew tal-Parroċċa u l-Knisja Parrokkjali, il-Manuċċa *Child Care Centre* kif ukoll il-Parroċċa l-Qadima ta' San Girgor. | Sindku |
| **05** | **10** | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9:15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 21 ta' Ġunju 2017, fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA
Joe Attard
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv